



26.10.2018

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-valutazzjoni ta' kif il-baġit tal-UE jintuża għar-riforma tas-settur
pubbliku
(2018/2086(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Raffaele Fitto

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota li l-UE, minkejja li ma għandhiex kompetenzi ġuridiċi diretti fis-settur amministrattiv, tħalli impatt pożittiv fuq is-servizzi pubbliċi tal-Istati Membri, u b'mod partikolari taqdi rwol indirett bl-istabbiliment ta' standards amministrattivi fl-*acquis communautaire*, bl-iskambju tal-aħjar prattiki madwar l-Unjoni, u saħansitra bl-użu ta' strumenti baġitarji li għandhom l-għan li jsostnu u jixprunaw ir-riforma tas-servizz pubbliku billi tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva, l-effiċjenza tal-amministrazzjonijiet u wkoll billi titħeġġeġ l-innovazzjoni fis-settur pubbliku;
2. Jinnota li minkejja li fl-aħħar perjodu ta' programmazzjoni kien hemm żieda fin-numru tar-riżorsi tal-Fondi Strutturali u ta' Investment Ewropej (FSIE) għal Pjan ta' Implimentazzjoni Reġjonali (PAR), jista' jiġi mtejjeb il-monitoraġġ bil-għan li jiġi vvalutat l-impatt li dan il-finanzjament għandu fuq il-PAR;
3. Jilqa' bi pjaċir il-fatt li tressqu proposti għall-QFP li jmiss bil-għan li jiġi evitat it-trikkib tal-programm u biex tiffavorixxi simplifikazzjoni akbar;
4. Jindika li nstab li spiss kien hemm trikkib bejn għadd ta' programmi operazzjonali speċifiċi u riżorsi ta' finanzjament oħrajn tal-UE, u jitlob li jitressqu proposti f'dan ir-rigward; jittama għaldaqstant li jkun hemm titjib fl-interventi li għandhom l-għan li jiffavorixxu l-koordinament, il-komplementarjetà u s-simplifikazzjoni;
5. Jissottolinja l-importanza li jiġi garantit li l-programmi operazzjonali jiġu implimentati bl-iktar mod effikaċi u faċli għall-utent possibbli; jikkunsidra li huwa essenzjali li l-Istati Membri joqogħdu lura milli jżidu regoli li jikkumplikaw l-użu tal-Fondi għall-benefiċjarji;
6. Jemmen li hemm bżonn ta' valutazzjoni kontinwa sabiex jiġi vverifikat jekk il-politiki ta' koeżjoni jikkonformawx mal-prinċipju ta' addizzjonalità u komplimentarjetà fir-rigward tal-operazzjonijiet ifffinanzjati minn riżorsi ordinarji, u mhux l-anqas, biex jiġi żgurat li dawn il-politiki ta' koeżjoni ma jissostitwixxux r-riżorsi nazzjonali ordinarji;
7. Jitlob li jkun hemm koordinament aktar mill-qrib tal-programmi kollha ta' assistenza teknika bil-għan li jiġi evitat it-trikkib u jiġi żgurat li l-miżuri jkunu aktar effikaċi bi qbil mal-isforzi kollha tal-Kummissjoni għall-promozzjoni ta' koordinament tal-użu tal-fondi fid-dawl tal-isfruttar tas-sinerġiji;
8. Jindika l-bżonn li jiġu stabbiliti d-diffikultajiet partikolari ta' kull Stat Membru, u bl-użu tar-riżorsi ppjanati, jiġu promossi miżuri ta' appoġġ mill-awtoritajiet responsabbli biex jiġu indirizzati l-problemi billi jiġi mtejjeb il-kriterju ta' kundizzjonijiet abilitanti u biex jintlaħqu l-oġettivi stabbiliti;
9. Jistieden lill-Kummissjoni tevalwa minn qabel il-kapaċità amministrattiva tal-istrutturi responsabbli mill-implimentazzjoni tal-politiki ta' żvilupp u, għal proġetti ta' importanza strateġika partikolari, tħeġġeġ l-użu tal-korpi u l-aġenziji nazzjonali li għandhom il-kapaċità li jsaħħu u jħaffu l-implimentazzjoni tal-programmi u tal-operazzjonijiet

individwali;

10. Jinnota li bħal ma jiġri ta' spiss, b'mod partikolari fir-reġjuni anqas żviluppati, hemm diffikultajiet ta' aċċess għall-finanzjamenti jew ta' użu tagħhom, minħabba l-burokrazija, il-kwistjonijiet ta' kapaċità amministrattiva jew irregolaritajiet; jittama għalhekk f'dan ir-rigward, li l-Istati Membri jippromwovu riformi li jwasslu effett aktar konkreta tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, u li jiffavorixxu l-ħeffa tal-proċedimenti ġudizzjarji;
11. Jistieden lill-Kummissjoni żżid il-koooperazzjoni mal-Istati membri sabiex tappoġġja r-reġjuni li għadhom lura u biex issaħħaħ il-kapaċità u l-governanza amministrattiva;
12. Iqis li fi ħdan l-amministrazzjonijiet pubbliċi, il-proċessi tal-innovazzjoni għandhom jiġu promossi sabiex ikun hemm servizzi ta' konnettività aħjar, diġitalizzazzjoni u ta' kwalità diġitali għaċ-ċittadini, għan-negozji u l-awtoritajiet pubbliċi, filwaqt li jinżamm kontinwament il-pass mal-iżvilupp rapidu ta' teknoloġiji ġodda fl-oqsma ikkonċernati; jilqa' bi pjaċir il-fatt li l-proposta għal CPR ġdid tipprovdi finanzjament għall-ipprogrammar futur ta' operazzjonijiet ta' skjerament ta' gvern -elettroniku, b'konformità mal-prinċipji u l-prijoritajiet stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Gvern elettroniku, filwaqt li benefiċjarji futuri jingħataw l-informazzjoni meħtieġa li tippermettelihom l-użu ta' sistemi possibbli malajr kemm jista' jkun;
13. Jitlob miżuri li jinkoraġġixxu l-implimentazzjoni ta' programmi li jħeġġu l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġiji ta' riżorsi umani, pereżempju permezz ta' skambji tal-aħjar Prattika fost l-Istati Membri, li jinvolvu wkoll mexxejja u persuni f'karigi għoljin oħrajn;
14. Jitlob li titkompla l-ħidma tal-Gruppi ta' Ħidma tal-Kummissjoni li huma responsabbli biex jassistu lill-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri jimplimentaw aħjar il-fondi tal-politika ta' koeżjoni f'dawk l-Istati Membri li għadhom lura f'termini ta' assorbiment tal-fondi FSIE;
15. Jenfasizza l-importanza tal-programm ta' appoġġ għar-riforma, u jittama li dan se jissaħħaħ fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss, billi jiddefinixxi biċ-ċar ir-rwol tiegħu bħala faċilitatur aktar milli bħala sors ta' assistenza teknika, u li se jittejjeb ukoll f'termini ta' effikaċja u effiċjenza, u mingħajr ma jitnaqqas il-baġit ta' koeżjoni bl-ammonti li attwalment qed jiġu proposti mill-Kummissjoni fil-QFP 2021–2027 .

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	25.10.2018
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 35 -: 1 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Pascal Arimont, Franc Bogovič, Victor Boșținaru, Mercedes Bresso, Andrea Cozzolino, Rosa D'Amato, Tamás Deutsch, Aleksander Gabelic, Iratxe García Pérez, Michela Giuffrida, Ivan Jakovčić, Marc Joulaud, Constanze Krehl, Louis-Joseph Manscour, Martina Michels, Iskra Mihaylova, Andrey Novakov, Younous Omarjee, Konstantinos Papadakis, Mirosław Piotrowski, Stanislav Polčák, Liliana Rodrigues, Fernando Ruas, Monika Smolková, Ruža Tomašić, Ramón Luis Valcárcel Siso, Ángela Vallina, Monika Vana, Matthijs van Miltenburg, Lambert van Nistelrooij, Derek Vaughan, Kerstin Westphal
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Daniel Buda, Raffaele Fitto, Elsi Katainen, Ivana Maletić, Bronis Ropė, Milan Zver

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

35	+
ALDE	Ivan Jakovčić, Elsi Katainen, Iskra Mihaylova, Matthijs van Miltenburg
ECR	Raffaele Fitto, Mirosław Piotrowski, Ruža Tomašić
EFDD	Rosa D'Amato
GUE/NGL	Martina Michels, Younous Omarjee, Ángela Vallina
PPE	Pascal Arimont, Franc Bogovič, Daniel Buda, Tamás Deutsch, Marc Joulaud, Ivana Maletić, Andrey Novakov, Stanislav Polčák, Fernando Ruas, Ramón Luis Valcárcel Siso, Milan Zver, Lambert van Nistelrooij
S&D	Victor Boștinaru, Mercedes Bresso, Andrea Cozzolino, Aleksander Gabelic, Iratxe García Pérez, Michela Giuffrida, Constanze Krehl, Louis-Joseph Manscour, Liliana Rodrigues, Monika Smolková, Derek Vaughan, Kerstin Westphal

1	-
NI	Konstantinos Papadakis

2	0
VERTS/ALE	Bronis Ropė, Monika Vana

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni